# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 10 ta' Gunju, 2002**

**Appell Nru 84/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Caruana**
*-- omissis --*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet, originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Caruana u William Mercieca talli:

1. fil-Belt Valletta, nhar il-11 ta' Settembru, 1998, ghall-habta tal-11.15 pm, ikkommettew serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, mill-hanut li jgib l-isem ta' "Capri Café" sitwat f'South Street, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u hin, u li sar a detriment ta' Reginald Bonnici minn Tas-Sliema;
2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bil-hsieb li jikkommettu reat ta' serq mill-hanut fuq imsemmi, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dana d-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` taghhom, u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-elf lira u hin, a detriment ta' Reginald Bonnici;
3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hsara fix-"shutter" tal-hanut "Capri Café", liema hsara tammonta ghal aktar minn ghaxar liri izda li ma teccedix il-hamsin lira, a detriment ta' l-imsemmi Reginald Bonnici;
4. Jason Caruana wahdu kien akkuzat talli kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 b'referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 22 ta' Mejju, 1997 fejn huwa kien gie misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn;
5. Jason Caruana wahdu kien akkuzat ukoll talli sar recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 9/6/1993, 15/12/1993, 7/3/1997, 22/5/1997

u 14/1/1998, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. William Mercieca wahdu kien akkuzat talli kiser il-provvedimenti ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 152 b'referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 1 ta' Frar, 1996 fejn huwa kien gie misjub hati ta' reat u tqieghed taht *probation* ghal tlett snin; u
7. William Mercieca wahdu kien akkuzat ukoll li sar recidiv skond l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi tal-qrati ta' Malta diversament presjeduti datati 23/6/1992, 4/10/1995, 31/10/1996, 12/3/1997, 27/5/1997 u 11/12/1997, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' April, 2002 li permezz taghha dik il-qorti lliberat kemm lil Jason Caruana kif ukoll lil William Mercieca mill-ewwel imputazzjoni, izda sabet lill-Jason Caruana hati skond it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, kif ukoll sabet lil William Mercieca hati skond it-tieni, it-tielet, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet; dik il-qorti kkundannat lil kull wiehed minnhom ghall-piena ta' sentejn prigunerija u ordnat "li kull zmien illi z-zewg imputati fuq imsemmija ghamlu taht arrest preventiv ma ghandux jitnaqqas minn din il-piena";

Rat iz-zewg rikorsi ta' appell ta' Jason Caruana, wiehed minnhom ippresentat fid-29 ta' April, 2002 (taht il-firma ta' l-Avukat Dott. Leo Bencini) u l-iehor l-ghada, 30 ta' April, 2002 (taht il-firma ta' l-Avukat Dott. Joseph Giglio);

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lill-Avukat Dott. Joseph Giglio ghall-appellant u lill-Assistant Avukat Genereali Dott. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni fl-udjenza tal-lum stess; ikkunsidrat:

L-appellant Caruana ghandu aggravji differenti fiz-zewg appelli tieghu. Fl-ewwel rikors ta' appell (cioe` dak tad-29 ta' April, 2002) hu jilmenta mill-fatt li l-ewwel qorti ma ordnatx li mis-sentenza ta' prigunerija li kienet qed tinfliggi jitnaqqas iz-zmien tal-arrest preventiv (anzi dik il-qorti espressament ordnat li m'ghandux hekk jitnaqqas). Fit-tieni rikors (tat-30 ta' April, 2002) hu jikkontendi bazikament li l-piena kienet eccessiva ghax hija vicin il-massimu (ghal dik li hi prigunerija) tal-piena li setghet tinghata. Jikkontendi wkoll li l-ewwel qorti erroneament applikat kemm iz-zieda skond l-Artikolu 50 kif ukoll iz-zieda skond l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-atti tal-kawza, hi tal-fehma li ebda wiehed mill-aggravji sollevati mill-appellant ma hu gustifikat. L-appellant Caruana kien originarjament inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest fil-pendenza tal-proceduri kontra tieghu b'digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-18 ta' Sttembru, 1998 (fol. 53 tal-atti); izda, wara li rrizulta li huwa kien kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'dak id-digriet, dik il-qorti, bid-digriet tal-31 ta' Awissu, 2001 kienet irrvokat il-*bail* u ordnat ir-riarrest mill-gdid ta' l-appellant, allura imputat (ara fol. 311 tal-atti). Ftit li xejn, ghalhekk, jista' l-

appellant jilmenta minn sitwazzjoni li gabha huwa stess b'idejh. L-ewwel qorti kienet perfettament intitolata, fit-termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 9, li ma tnaqqasx il-periodu tal-arrest preventiv mill-piena ta' prigunerija minnha erogata. Tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, u b'mod specjali tal-antecedenti penali tal-appellant – li juru karattru altament refrattarju u li jidher li ma jimpurtah xejn mill-osservanza tal-ligi – l-ewwel qorti kienet ukoll pienament gustifikata li ma tordnax it-tnaqqis imsemmi.

Kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant fit-tieni rikors tieghu, ma jirrisultax mis-sentenza appellata li l-ewwel qorti applikat iz-zieda minhabba r-recidiva darbtejn – darba b'applikazzjoni tal-Artikolu 50 u darb' ohra b'applikazzjoni tal-Artikolu 289. Il-fatt li dawn iz-zewg disposizzjonijiet jissemmew, fis-sens li hemm referenza ghalihom, f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti kienet semplicement qed tirriproduci l-artikoli kollha tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, ma jfissirx li dik il-qorti applikat iz-zieda fil-piena darbtejn. Kwantu ghall-piena erogata ta' sentejn prigunerija, din kienet, fic-cirkostanzi tal-kaz, wahda gusta u ragjonevoli (apparti li kienet, naturalment, entro l-parametri tal-minimu u massimu skond il-ligi). Ghalhekk anke l-aggravju migjub fit-tieni rikors ta' appell huwa infondat.

Ghall-motivi premessi, tichad iz-zewg appelli tal-appellant, u tikkonferma s-sentenza appellata.

A. Testone
Deputat Registratur